MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 548/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha Edward Abela u Joseph Abela, skond il-Ligi u abbazi ta' polza tat-tip *comprehensive* u *third party fire and theft* rispettivament, u l-istess Edward Abela (159954M) u Joseph Abela (542351M)**

**Vs**

**Vincent u Robert Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef sitt mija u sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm3,647) jew ammont iehor verjuri, rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-atturi Joseph u Edward ahwa Abela u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, salv ghas-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00) kull wiehed rapprezentanti *excess payment* imhallsin mill-atturi Joseph u Edward ahwa Abela rispettivament, skond il-polza ta' assigurazzjoni relattiva, bhala risultat tal-hruq illi sehh fis-27 ta' Gunju 2001 ghall-habta tat-8:30pm gewwa l-fond 47, Triq il-Kaccatur, Qormi, li fih kienu involuti l-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni BAA-363 u DAA-252 proprjeta' ta' l–atturi ahwa Abela, liema hruq sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, imperizja, negligenza jew nuqqas ta' arti u sengha da parti tal-konvenut Robert Bonnici, meta, fil-kors ta' xogholijiet mill-konvenut intraprizi fl-istess garaxx, ikkaguna il-hruq *de quo*, filwaqt illi l-konvenut Vincent Bonnici naqas mill-obbligi tieghu bhala despozitarju ta' l-istess vetturi illi kienu fil-kustodja tal-konvenut, skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandati kawtelatorji li gew prezentati mal-avviz, u dak ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' April 2003, flimkien ma' l-interessi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 12 ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok illi talbiet tal-atturi fil-konfront ta' Vincent Bonnici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghom peress illi t-tgharriq fil-propjeta' tal-ahwa Edward u Joseph Abela sehh b'risultat ta' forza magguri li ghaliha ma jirriispondix l-eccipjent Vincent Bonnici bhala depositarju.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront ta' Vincent Bonnici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan

stante illi kontra dak li jinghad fl-avviz l-eccipjent bl-eda mod ma naqas fl-obbligi tieghu bhala depozitarju, li da parti tieghu uza d-diligenza rikjesta mill-ligi, u li ghaldaqstant jinkombi fuq l-atturi sabiex jipprovaw l-allegazzjonijiet taghhom;

3. Fit-tielet lok, illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront ta’ Robert Bonnici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan stante illi kontra dak li jinghad fl-avviz l-incident ma sehhx b’rizultat ta’ traskuragni, imperizja, negligenza, jew nuqqas ta’ arti u sengha da parti tal-eccipent Robert Bonnici izda b’rizultat ta’ forza magguri, u li ghaldaqstant jinkombi fuq l-atturi sabiex jipprovaw l-allegazzjonijiet taghhom;

4. Illi in linea sussidjara u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat u d-danni allegatament sofferti mill-atturi ghandhom jigu pprovati minnhom.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkuinsidrat

Illi, kif jirrisulta mill-atti tal-kawza u mill-provi prodotti kienet inzammet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa u gew prodotti diversi mill-esperti nominati fl-istess inkjesta sabiex jixdu f’dawn il-proceduri u dan kif ser jinghad;-

1) L-Arkitett u Inginier Civili Richard Aquilina (fol 16 et seq ibid) iddeskriva l-post tal-incident bhala “mahzen kbir … f’lokalita industrijali” u waqt l-access kien ikkostata li go fih, kien hemm ‘cabin cruiser’ b’zewg muturi ‘outboard’ ta’ 150 ‘horse power’ u li kellu “… hruq konsiderevoli fin-naha ta’ quddem kif ukoll hsarat strutturali kagunati minn nar (ara ukoll l-iskizz mhux skalat anness mal-istess relazzjoni.

2) Il-Professur Alfred Vella (fol 34 u fol 56 et seq ibid) esebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu u spjega illi, waqt l-access, hu kien ra illi l-hsara fuq il-gebel tal-post in kwistjoni kienet tinsab l-aktar fuq il-partijiet tal-“garage”,

qabel deskritt bhala “mahzen”, “… fejn kien hemm l-‘speed boat’ “ ossija ‘cabin cruiser’. Inoltre, waqt l-istess access kien hemm, fuq barra, zewg vetturi, li kienu tnehhew mill-istess post waqt it-tifi tan-nar go fih, liema vetturi kellhom hsara bi hruq. Difatti wahda minn dawn il-vetturi bin-numru DAA 252, propjeta tal-attur, Joseph Abela, kellha hruq estensiv taz-zebgha tal-‘body work’ waqt li l-ohra, proprjeta tal-attur l-iehor bin-numru BAA 363, kellha hsarat kbar bil-kabina tal-passiggieri mahruqa kwazi totalment. L-istess vetturi kienu jinzammu fil-post in kwistjoni, appartenenti lill-Vincent Bonnici l-konvenut minghajr hlas “.. .peress li Bonnici kien habib …” taz-zewg atturi, ahwa Abela.

Illi, annessi, ma din ir-relazzjoni hemm il-verbali tax-xhieda moghtija minn Vincent u Robert Bonnici, missier u t-tifel ta’ dan. Jigi notat illi Vincent Bonnici xehed illi hu u ibnu kien ghadhom kemm zvujtaw zewg tankijiet ta’ petrol mill-‘boat’ imsemmija. L-istess dghajsa kienet imdawla permezz ta’ lampa portatili, konnessa ma’ ‘multiple extension socket’ “li kienet tinsab barra id-dghajsa” waqt li l-batterija tad-dghajsa kienet skonnessa. Sakemm telaq mill-post, Vincent Bonnici semma illi, minn fuq id-dghajsa, kien di gja tnizzel wiehed mit-tankijiet waqt li l-iehor kien ghadu f’postu. Inoltre, skond dan ix-xhud, ibnu kien baqa’, fil-post inaddaf l-istess dghajsa bl-ilma u detergent. Robert Bonnici kien spjega, illi, meta kien wahdu peress li kien telaq mill-post missieru hu kien iddecieda illi jaqla sabiex jibdlu “connector” bejn l-istess tankijiet peress li dan “… kien f’posizzjoni li jillikja”. Ghalhekk, hu svojta l-istess tankijiet permezz ta’ pompa li tiffunzjona manwalment. Wara li qalaghhom minn posthom, hu nizzel l-istess ‘tankijiet’ minn fuq id-dghajsa, bidel il-‘connector’ u reggha poggihom, f’posthom. Hawnhekk, hu tefa’ “petrol” go fihom u ra li kien hiereg “petrol “ ghal go d-dghajsa. Minhabba dan, hu beda jixxotta l-istess petrol li hareg b’carruta u, wara li rega’ zvojta l-istess tankijiet u ra minn fejn kien qed jiskula l-‘petrol’, hu beda jnaddaf il-‘flooboard’ tad-dghajsa “… sewwa mill-petrol”. Ghal dan il-ghan, kien tefa’ zewgt ibramel ta’ ilma u ammont ta’ detergent “… biex noqtol l-effett tal-‘petrol’”. Oltre li uza sponza sabiex jigbor l-ilma, hu ddecieda ukoll, li juza l-

pompa, "… li hemm fid-dghajsa li tahdem bil-batterija". Kif f'dan l-istanti, u wahhal il-'cables' mat-'terminal' u "xi sekondi wara hassejt nar madwari u hoss bhal ta' splusjoni zghira".

Illi l-istess espert forensiku kien issottometta illi n-nar fuq l-istess dghajsa kien origina accidentalment minhabba dak li kien qed jaghmel Robert Bonnici fiha u kif deskritt aktar il'fuq. L-istess espert dwar dan qal illi x-xhieda, li kien ta', Robert Bonnici kienet taqbel sostanzjalment mal-provi li kien jidher fuq il-post waqt l-access u illi "meta uzat il-kelma 'accidentalment' din wzajtha sabiex neskludi d-'dolo'. Pero ma uzajthiex sabiex neskludi negligenza da parti ta' xi hadd". Illi l-espert forensiku attribwixxa il-kawza tal-origini tan-nar ghall-fatt illi l-koncentrazzjoni ta' 'petrol vapour' fl-arja zdiedet sal-punt li saret perikoluza. In rigward dan hu irrefera, ukoll, ghal fattur li seta ikkontibwixxa sabiex din il-perikolozita tizdied cjoe t-telefonata li ghamel Robert Bonnici, waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol deskritt u li damet, skond hu stess, madwar hames (5) minuti. Ghalhekk stabbilita' il-presentaza fl-arja ta' 'petrol vapour' dan gie accendjat permezz ta'xintilla li grat meta l-istess Robert Bonnici wahhal il-'cables' mat-'terminals', kif hawn fuq spjegat.

Ikkunsidrat

Illi l-istess Robert Bonnici xehed 'viva voce' (fol 77 et seq ibid) quddiem l-istess Qorti pero jinghad illi, fis-sustanza, dan irrepeta dak li kien di gja, xehed waqt l-inkjesta (ara ukoll ix-xhieda ta' Vincent Bonnici a fol 86 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, stabbilit x'kienet il-kawza tan-nar, mill-avviz in esami jidher li l-missier, Vincent Bonnici, gie imharek peress li qed jigi allegat illi naqas mill-obbligi tieghu bhala depositarju tal-istess vetturi li kienu fil-kustodja tieghu. Dwar dan jigu rilevati s-segwenti punti:

a) Vincent Bonnici ma kienx presenti meta gara l-incident in esami.

b) Hu minnu li jidher mill-provi illi hu kien filfatt, depositarju volontarju taz-zewg vetturi in kwistjoni billi kien ilu jakkonsentixxi volontarjament illi dawn jinzammu fil-post tieghu minghajr hlas da parti taz-zewg atturi.

c) L-artikolu 1899 tal-Kodici Civili jghid illi depositarju ghandu juza, fil-kustodja tal-haga depositata mieghu, l-istess diligenza illi hu juza fil-kustodja tal-oggetti appartenenti lilu waqt li fl-artikolu 1900 tal-istess Kodici jispecifika erba (4) kazijiet meta grad ghola ta' diligenza hi mehtiega.

d) Fil-kaz in desamina l-istess Vincent Bonnici kien qed jzomm iz-zewg vetturi in kwistjoni fil-mahzen tieghu u fl-istess cirkostanzi u ambjenti bhal ma kien qed jzomm id-dghajsa tieghu. Ghalhekk, kien qed juza l-istess diligenza fil-kustodja tal-istess zewg vetturi dannegjati bhal ma kien juza vis-a-vis id-dghajsa tieghu. Ghalhekk, tenut kont illi din il-Qorti hi tal-fehma illi dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu, b'xi mod, fil-kazijiet specifikati fl-artikolu 1900, it-talba vis-à-vis Vincent Bonnici kif maghmula ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-konvenut Robert Bonnici, jidher, b'mod car, illi hu kien qed jesegwixxi wahdu x-xoghol ta' tindif ta' likwidu infjammabbli b'mod li wiehed jista' jiddeskrivi bhala nieqes minn perizja u b'hekk traskurat u nieqes mid-dovuta diligenza u attenzjoni. Certament ma jistax jinghad illi n-nar in kwistjoni kien ir-risultat ta' kaz fortwitu jew 'force majeure' izda jista' jigi konkluz illi dan il-konvenut kien qed jesegwixxi l-istess tindiff b'mod amatorjali u kif di gja nghad b'nuqqas ta' imperizja. Difatti jidher li l-unika kawtela li ha kienet illi jifrex kwantita ta' ilma u detergent fuq il-likwidu li kien qed jiskula biex fil-fehma tieghu, "joqtol l-effett tal-petrol" mentri, filfatt, dan ma ghandu ebda effett li jnehhi l-periklu li kien hemm kontenut minn "petrol vapour" mal-arja f'volum perikoluz. Cjononostante hu dehrlu li seta jmiss il-"cables" mat-'terminals' tal-batterija abbord sabiex jazzjona l-'bilge pump' bil-konsegwenzi kollha prevedibbli risultanti. Ghalhekk Robert Bonnici ghandu jigi konsiderat bhala responsabbli "ex delictu" ghal dan l-incident.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-'quantum' ta' danni mitluba, ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni. Da parti tas-socjeta' attrici nomine et, gew prodotti d-dokumenti a fol 38 sa fol 51 in sostenn tat-talbiet in esami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' Vincent Bonnici, tilqa l-istess talbiet fil-konfront ta' Robert Bonnici u:

1. tiddikjara lill-konvenut Robert Bonnici <u>unikament</u> responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, jew nuqqas ta' arti u sengha da parti tal-istess Robert Bonnici;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm3647 ossija €8495.22;
3. tikkundanna lill-konvenut, Robert Bonnici sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm3447 ossija €8029.35 u lill-atturi Edward u Joseph Abela s-somma ta' Lm100 ossija €232.94 kull wiehed rappresentanti 'excess payment' imsemmi fl-istess avviz bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' April 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April 2003 u tal-mandati kawtelatorji tal-5 ta' Novembru 2003 imsemmijin fl-avviz il-Qorti tordna li dawn jithallsu mill-istess konvenut Robert Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------